

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.  
 3) Is-SEAE huwa kkkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 145, 25.4.2016 (kawża inizjalment irregistata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-6/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2017 – HQ vs CPVO

(Kawża T-592/16)<sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat — Deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ tiġid — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Dmir ta’ premura — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba — Dritt għal smiegħ — Fastidju psikoloġiku — Użu ħażin ta’ poter — Responsabbiltà”)*

(2018/C 042/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: HQ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) (rappreżentanti: A. Verdini, aġent, assistit minn D. Waelbroeck u minn A. Duron, avukati)

#### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet tas-CPVO, tal-24 ta’ Ġunju 2015, li l-kuntratt tar-rikorrenti ma jiġix imġedded, u tal-20 ta’ Jannar 2016, li tiċħad l-ilment u, min-naħħa l-oħra, għall-ksib ta’ kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sofriet.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.  
 2) HQ hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 251, 11.7.2016 (inizjalment il-kawża għiet irregistrazione quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Numru F-22/16 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2017 – CJ vs ECDC

(Kawża T-602/16)<sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Rapport ta’ evalwazzjoni tal-karriera — Proċedura ta’ evalwazzjoni 2012 — Redazzjoni — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tagħlaq ir-rapport ta’ evalwazzjoni”)*

(2018/C 042/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: CJ (rappreżentant: V. Kolijs, avukat)

Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) (rappreżentanti: J. Mannheim u A. Daume, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-evalwatur tal-appell tal-ECDC tal-21 ta' Settembru 2015 li tirrendi definitiv ir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2011 u, sa fejn ikun neċċessarju, tad-deċiżjoni tal-ECDC tal-20 ta' April 2016 li tiċċad l-ilment imressaq mir-rikorrent kontra din id-deċiżjoni tal-evalwatur tal-appell.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) CJ huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 296, 16.8.2016 (kawża rreġistrata inizjalment quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-32/16 u mibgħuta quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-1.9.2016).

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2017 – Trautmann vs SEAE

(Kawża T-611/16)<sup>(1)</sup>

("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance tal-edukazzjoni — Artikolu 15 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal — Kundizzjonijiet għall-għoti — Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Frekwentazzjoni regolari u fuq bażi full-time ta' stabbiliment ta' edukazzjoni bi ħlas — Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal — Irkupru tal-ammonti mhalla indebitament — Obbligu ta' motivazzjoni — Dritt għal smiġħ")

(2018/C 042/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrent: Ernst Ulrich Trautmann (Kraainem, il-Belġju) (rappreżentant: M. Meyer, avukat)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Weiss, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament, l-ewwel nett, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-SEAE tat-18 ta' Diċembru 2014 li tistma mill-ġdid l-ammont tal-allowance tal-edukazzjoni dovuta lir-rikorrent, it-tieni nett, tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-ħlas tal-Intitolamenti Individuali (PMO) tat-12 ta' Jannar 2016 li tirkupra, permezz ta' ammonti miżmura mir-remunerazzjoni, l-ammonti mhalla indebitament lir-rikorrent, it-tielet nett, tad-deċiżjoni tat-12 ta' Mejju 2016 li tiċċad l-ilmenti mressqa kontra l-imsemmija deċiżjonijiet, u, min-naħa l-oħra, għall-kundanna tas-SEAE sabiex iħallas lura lir-rikorrent l-ammonti preċedentement imħallsa fir-rigward tad-dritt tiegħu għall-allowance tal-edukazzjoni.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ernst Ulrich Trautmann huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 371, 10.10.2016 (il-kawża kienet inizjalment irregestrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-41/16 u ġiet ittrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Settembru 2016).